



2017/2283(INI)

21.6.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar l-implimentazzjoni tal-ftehim ta' assoċjazzjoni tal-UE mal-Ukrajna
(2017/2283(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Jarosław Wałęsa

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' ż-żieda fil-volum ta' kummerċ bejn l-UE u l-Ukrajna u d-diversifikazzjoni tal-esportazzjonijiet tal-Ukrajna lejn l-UE; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Ukrajna sabiex tidentifika dawk l-oqsma li jistgħu jrawmu aktar id-diversifikazzjoni ekonomika u ttihom prijorità fil-proċess tal-implimentazzjoni taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva (DCFTA); jindika li l-esportazzjonijiet lejn ir-Russja naqsu matul l-istess perjodu;
2. Jappella lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta lill-Parlament valutazzjoni dettaljata tal-ftehim ta' assoċjazzjoni abbażi tal-progress li sar s'issa, peress li għaw diversi avvenimenti mindu saret il-valutazzjoni tal-impatt tal-2017; iqis li din għandha tkopri l-punti li ġejjin b'mod partikolari:
 - preżentazzjoni approfondita tal-bilanċ kummerċjali tal-Ukrajna kategorizzata skont is-settur u r-reġjun;
 - l-iżvilupp ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u preżentazzjoni tal-faċilità ta' self DCFTA għall-SMEs, li fl-2015 ġiet stabbilita b'EUR 200 miljun sabiex tgħin lill-SMEs fil-Viċinat tal-Lvant;
 - preżentazzjoni tas-sehem mis-suq;
 - preżentazzjoni tas-sitwazzjoni soċjoekonomika;
 - preżentazzjoni tas-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol, l-ekonomija li ma tidhirx u l-impjieġ informali;
 - analiżi aġġornata tas-sitwazzjoni makrofinanzjarja tal-Ukrajna, inklużi id-dħul u n-nefqa tat-taxxa, l-evitar tat-taxxa u l-evazzjoni tat-taxxa;
3. Ifakkar li r-Regolament (UE) 2017/1566 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni ta' miżuri kummerċjali awtonomi temporanji għall-Ukrajna li jissupplimentaw il-konċessjonijiet kummerċjali disponibbli taħt il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jinkludi rekwiżit legali li r-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tad-DCFTA jinkludi valutazzjoni dettaljata tal-miżuri kummerċjali awtonomi, inkluż l-impatt soċjali tagħhom;
4. Iqis li l-approssimazzjoni regolatorja bejn l-UE u l-Ukrajna fl-ambitu tad-DCFTA hija strument fundamentali biex l-Ukrajna titqarreb lejn l-UE u dan jikkontribwixxi għall-iffaċilitar tal-kummerċ, għal klima aħjar tan-negozju u investment, u għall-iżvilupp ekonomiku sostenibbli tal-Ukrajna; iqis li l-aspett tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ għandha tiġi amministrata b'attenzjoni bil-ħsieb li jiġu minimizzati l-ispejjeż filwaqt li jiġu massimizzati l-benefiċċji għall-impriżi u s-soċjetà tal-Ukrajna u jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tikkunsidra aktar preferenzi kummerċjali awtonomi u mezzi oħra; jinkoraġġixxi lill-Ukrajna tagħti prijorità lill-implimentazzjoni tal-aġenda ta' riforma

f'oqsma li huma relatati aktar mill-qrib mal-istruttura tal-produzzjoni tagħha u mal-opportunitajiet ta' esportazzjoni lejn l-UE bl-għan li jiġu minimizzati l-ispejjeż ta' tranżizzjoni u jiġu massimizzati l-benefiċċji potenzjali; jappella lill-Ukrajna taħtar, bħala kwistjoni urġenti, lill-grupp konsultattiv domestiku tagħha biex jiżgura il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-ftehim mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; jinsab imħasseb dwar iż-żieda fil-faqar fost il-popolazzjoni;

5. Ifakkar li d-DCFTA hija parti minn proċess ta' riforma bbażat fuq governanza tajba u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata; jilqa' l-adozzjoni tal-liġi dwar il-Qorti Superjuri Kontra l-Korruzzjoni; għadu mħasseb, madankollu, rigward aktar progress fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jinnota li soċjetà ċivili li tkun libera u kritika għandha rwol importanti f'dan il-proċess ta' riforma u jappella lill-Gvern tal-Ukrajna jillibera lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mill-obbligu ta' dikjarazzjoni-e; jistieden lill-Gvern tal-Ukrajna jiggarrantixxi l-indipendenza tal-Uffiċċju Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni (NABU) u biex iwettaq riforma korrispondenti tas-servizzi sigrieti; ifakkar lill-Gvern tal-Ukrajna dwar l-impenn tiegħu fl-ambitu tal-preambolu tal-ftehim ta' assoċjazzjoni li jibni demokrazija profonda u sostenibbli; jappella għal riforma tad-drittijiet tal-vot qabel l-elezzjonijiet parlamentari tal-2019 kif ġie rakkomandat mill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, il-Kummissjoni ta' Venezja u l-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem (ODIHR) tal-OSKE; jappella lill-Ukrajna tipprovdi riassigurazzjoni li l-għamla tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali tal-Ukrajna tirrifletti bilanċ politiku li jirrappreżenta l-forzi politiċi rilevanti kollha u jisħaq li l-istat tad-dritt huwa prekondizzjoni ewlenija għal implimentazzjoni tajba u effettiva tad-DCFTA;
6. Iqis li l-approssimazzjoni regolatorja mal-acquis tal-UE hija d-dimensjoni ewlenija tad-DCFTA minħabba l-aċċess reali għas-suq tal-UE u r-riforma tiddependi ħafna fuq l-implimentazzjoni u l-infurzar xierqa tal-leġiżlazzjoni rilevanti; huwa konxju mill-isfida kbira li dan jirrappreżenta għall-governanza, l-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika fl-Ukrajna u jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tipprovdi appoġġ tekniku u finanzjarju adegwat; ifaħħar l-attivitajiet tal-Grupp ta' Appoġġ għall-Ukrajna u jappella lill-grupp biex jipprovdi aktar rapportar lill-Parlament dwar it-tip ta' assistenza pprovdata, b'mod partikolari fir-rigward tat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-acquis;
7. Iqis li l-involvement tal-awtoritajiet tal-Ukrajna mill-mument tal-abbozzar tal-leġiżlazzjoni rilevanti huwa utli sabiex il-proċess ikun aktar inklużiv u jitnaqqsu l-ispejjeż ta' tranżizzjoni għall-Ukrajna, u jappella lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ mill-mekkaniżmi ta' skambju ta' informazzjoni *ex ante*;
8. Ifaħħar il-Pjan Direzzjonali Leġiżlattiv tal-Gvern u tal-Parlament għall-Implimentazzjoni tal-Ftehim u l-adeżjoni tal-Ukrajna fil-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi tad-WTO; iħeġġeġ lill-Ukrajna tiffoka fuq l-implimentazzjoni tal-aġenda tar-riformi f'oqsma bħall-istandards tekniċi, sanitarji u fitosanitarji, il-proprietà intellettuali u r-regoli doganali;
9. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' progress fl-approssimazzjoni mal-istandards tal-UE dwar il-benessri tal-annimali, u jappella lill-Ukrajna tadotta b'mod urġenti strateġija biex tissodisfa dan l-impenn;
10. Jinnota r-rata preferenzjarja ta' utilizzazzjoni għolja, u jilqa' iż-żieda kontinwa fil-linji

tariffarji fejn jintużaw il-preferenzi;

11. Jinnota li l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tad-DCFTA hija ffokata ħafna fuq il-flussi tal-kummerċ u l-ostakli tal-kummerċ; jappella lill-Kummissjoni biex tosserva u tivvaluta l-implimentazzjoni tad-DCFTA, b'attenzjoni partikolari mogħtija lit-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-acquis, kif ukoll lill-impatt fuq is-soċjetà tal-Ukrajna, u biex tippovdi rapportar annwali pubbliku u komprensiv, inkluż dwar l-appoġġ tekniku u finanzjarju pprovdut mill-UE;
12. Jistenna li l-Ukrajna taħtar arbitri għas-sistema ta' riżoluzzjoni tat-tilwim u għall-istabbiliment tal-korpi u taħtar rappreżentanti fl-ambitu tal-kapitolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli;
13. Jilqa' l-adozzjoni mill-Verkhovna Rada tal-Liġi Nru 5495 dwar il-preservazzjoni tal-foresti tal-Ukrajna u l-prevenzjoni tal-esportazzjoni illegali ta' injam mhux proċessat waqt l-ewwel qari tal-20 ta' Marzu 2018; iqis li kwalunkwe liberalizzazzjoni ta' kummerċ tal-injam għandha tkun kundizzjonali fuq l-istabbiliment ta' qafas legali dwar il-prevenzjoni u l-projbizzjoni tal-esportazzjoni illegali;
14. Jinnota li approċċ ikkoordinat bejn l-UE u l-Ukrajna fir-rigward tas-sanzjonijiet relatati mal-Krimea u l-lvant tal-Ukrajna jikkontribwixxi għal żieda fil-pressjoni sabiex tiġi żgurata riżoluzzjoni paċifika għall-isfidi territorjali tal-Ukrajna; ifakkar fl-impenn għas-soluzzjoni paċifika tal-kunflitti reġjonali fl-Artikolu 9 tal-ftehim ta' assoċjazzjoni;
15. Jinnota li s-Sħubija tal-Lvant s'issa kien prinċipalment iffokata fuq il-kummerċ u l-investment bilaterali bejn l-UE u l-pajjiżi l-oħra involuti; jappella għall-iżvilupp ta' approċċ aktar għall-pajjiżi kollha fis-Sħubija tal-Lvant u aktar kooperazzjoni mal-Unjoni Ekonomika Ewrasjatika fir-rigward tal-faċilitazzjoni tal-kummerċ, il-libertà tal-viża u l-istandards tekniċi.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	21.6.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 26 -: 5 0: 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	William (The Earl of) Dartmouth, Laima Liucija Andrikienė, Tiziana Beghin, Salvatore Cicu, Santiago Fisas Ayxelà, Eleonora Forenza, Nadja Hirsch, Yannick Jadot, France Jamet, Elsi Katainen, Patricia Lalonde, Danilo Oscar Lancini, Bernd Lange, David Martin, Emmanuel Maurel, Anne-Marie Mineur, Sorin Moisă, Alessia Maria Mosca, Franck Proust, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Inmaculada Rodríguez-Piñero Fernández, Tokia Saïfi, Adam Szejnfeld
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Goffredo Maria Bettini, Reimer Böge, Klaus Buchner, Dita Charanzová, Danuta Maria Hübner, Sajjad Karim, Sander Loones, Lola Sánchez Caldentey
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Czesław Hoc, John Howarth, Dietmar Köster, Kosma Złotowski

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

26	+
ALDE	Dita Charanzová, Nadja Hirsch, Elsi Katainen
ECR	Czesław Hoc, Sajjad Karim, Sander Loones, Kosma Złotowski
PPE	Laima Liucija Andrikienė, Reimer Böge, Salvatore Cicu, Santiago Fisas Ayxelà, Danuta Maria Hübner, Sorin Moisă, Franck Proust, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Tokia Saifi, Adam Szejnfeld
S&D	Goffredo Maria Bettini, John Howarth, Dietmar Köster, Bernd Lange, David Martin, Alessia Maria Mosca, Inmaculada Rodríguez-Piñero Fernández
VERTS/ALE	Klaus Buchner, Yannick Jadot

5	-
EFDD	William (The Earl of) Dartmouth
ENF	France Jamet, Danilo Oscar Lancini
GUE/NGL	Eleonora Forenza, Anne-Marie Mineur

4	0
ALDE	Patricia Lalonde
EFDD	Tiziana Beghin
GUE/NGL	Lola Sánchez Caldentey
S&D	Emmanuel Maurel

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni